# ID-DULURI FIT-TOROQ MALTIN — (2)

Minn
**TONY TERRIBILE**

### SIĠĠIEWI

F'DAN ir-raħal insibu tmien xbihat tad-Duluri.

L-ewwel waħda nsibuha fil-bidu tar-raħal ħdejn il-Mitħna fi Triq Santa Margerita. Fuq innaħa l-oħra, pariġġħa, naraw niċċa oħra bixxbiha tar-Redentur. Hi niċċa sabiħa b'erba' faċċati u fiha skultura tassew sabiħa.

Popolari man-nies tas-Siġġiewi u miżmuma tajjeb hija n-niċċa tad-Duluri li nsibu f'kantuniera ta' Triq Santa Margerita. Kien l-Isqof Gaetano Pace Forno li kien ta ndulġenzi għal min jitlob quddiem din l-istatwa. Oriġinali f'din in-niċċa hija l-kitba li tfakkar dawn l-indulġenzi li narawha mdawra bi skultura f'għamla tal-kuruna tax-xewk.

Fl-1896 Dun Pawl Laferla, li kien devot kbir tal-Misteri tal-Passjoni, waqqaf statwa sabiħa u kbira tad-Duluri fil-għolja magħrufa bħala "Tas-Salib".

Mhux 'il bogħod minn din l-istatwa, f'kantuniera ta' razzett qadim, li jinsab int u tiela' l-għolja, naraw niċċa bix-xbieha tad-Duluri. Għalkemm ma fihiex xi xogħol speċjali, din inniċċa tidher li hi qadima sew u hija xhieda oħra kemm minn dejjem dawn l-inħawi kellhom devozzjoni speċjali lejn il-misteri tal-Mewt ta' Kristu.

Fit-triq ta' l-Imqabba niltaqgħu ma' niċċa kbira bix-xbieha ta' Marija Addolorata, b'Ġesu' mejjet fi ħdanha.

Għandha l-istess stil u tixbah perfettament linniċċa li semmejna u li tinsab fil-bidu tal-Gudja. Fl-1882 l-Arċisqof Carmelo Scicluna kien ta ndulġenzi għal min jitlob quddiemha.

Fi Triq Blat il-Qamar niltaqgħu ma grupp ta' tliet niċeċ antiki u ħelwin li fihom naraw lil San Nikola, Patrun tas-Siġġiewi, San Filep, Patrun ta' Ħaż-Żebbuġ, u fin-niċċa tan-nofs naraw lil Marija Addolorata b'Ġesu' mejjet fi ħdanha. Hi verament ħasra li ż-żmien mermer ħafna mix-xogħol tal-ġebel u kif ukoll l-id vandala kompliet kissret u ħassret dan ix-xogħol sabiħ.

Fuq dar nru. 18 Triq Blat il-Qamar niltaqgħu ma' niċċa oħra tad-Duluri, li fiha naraw bassoriliev ta' Marija Addolorata b'Ġesu' mejjet fi ħdanha. Mix-xogħol wieħed faċilment jinduna li din in-niċċa saret malbini tad-djar li qiegħda tmiss magħhom.

Tiddomina ħafna xxena tal-kampanja Maltija hija n-niċċa tad-Duluri li nsibu fit-triq li mill-Girgenti twassal għal Ġebel Ciantar. F'din in-niċċa naraw lill-Madonna wieqfa, bis-sejf u b'ħarsitha mnikkta tħares 'l isfel.

### COSPICUA

ANTIKA sew hija l-istatwa tad-Duluri li nsibu f'kantuniera ta' Triq l-Oratorju. Fl-1759 diġà kienet teżisti għax f'dik is-sena l-Isqof Bartolomeo Rull kien ta ndulġenzi għal min jitlob quddiemha. Din l-istatwa hija magħrufa sew minnies ta' Bormla u minn dejjem kellha devozzjoni kbira. Jeżisti xebħ perfett bejn il-pedistall ta' din l-istatwa u l-pedistall ta' l-istatwa tad-Duluri, li diġà tkellimna dwarha, fi Triq il-Vitorja l-Isla, iżda żgur li din ta' Bormla hi aktar qadima.

### MOSTA

FIL-MOSTA niltaqgħu ma' erba' xbihat tad-Duluri.

L-ewwel waħda, f'għamla ta' bassoriliev, insibuha f'kantuniera bejn Triq il-Kungress Ewkaristiku u Triq Gafà. Hawn naraw lill-Madonna tħaddan magħha l-kuruna tax-xewk.

Replika ta' din ix-xbieha nsibuha fi Triq il-Pont. Billi tinsab fuq bini baxx, wieħed jista' jxebbah sew din ix-xbieha ma' dik li tinsab fi Triq il-Kungress Ewkaristiku.

Niċċa qadima tad-Duluri, xogħol ta' xi dilettant, insibuha fuq dar nru. 10 Triq il-Mitħna l-Qadima. Tidher li matul is-snin saru fiha xi tibdiliet li tawha d-dehra, xejn sabiħa, li narawha llum.

Sabiħa ferm hija nniċċa tad-Duluri li nsibu fuq djar 310-312 Triq il-Kbira. Sew in-niċċa kif ukoll l-istatwa fihom xogħol sabiħ, dettaljat u rfinut fil-ġebla Maltija.

### ŻABBAR

F'DAN ir-raħal insibu żewġ xbihat tad-Duluri.

L-ewwel waħda, li hi sabiħa u miżmuma tajjeb, insibuha f'kantuniera bejn Triq il-Ġdida u Triq Bajada, u l-oħra li hi bassoriliev, ta' għamla sempliċi, insibuha fi Triq il-Biċċieni.

### QRENDI

L-UNIKA xbieha tad-Duluri f'dan ir-raħal insibuha fuq dar nru. 33 Triq il-Kbira. Hawn naraw lill-Madonna bilqegħda u poġġuta fuq mensola għolja. Xi dilettant poġġa salib ħdejha u żeba' l-vojt ta' warajha bħala pavaljun abjad.

### GHAXAQ

F'DAN ir-raħal insibu żewġ xbihat tad-Duluri. Dawn huma żgħar u jikkonsistu f'xogħol bassoriliev, iżda għalkemm żgħar, it-tnejn li huma fihom xogħol sabiħ u miżmuma tajjeb. Dawn jinsabu waħda fuq dar nru. 8 Triq Santa Tereża u l-oħra fuq dar nru. 25 Triq Santa Marija.

### SAFI

GĦALKEMM f'dan ir-raħal insibu niċċa waħda tad-Duluri, din hi sabiħa, u billi tinsab f'post prominenti hi popolari ħafna man-nies tar-raħal. Din tinsab fuq dar nru. 31 Triq San Pawl u ġiet imwaqqfa minn A. Zammit fl-1933, u tliet snin wara l-Arċisqof Mauro Caruana kien ta ndulġenzi għal min jitlob quddiemha.

### ĦAMRUN

FIL-ĦAMRUN insibu biss żewġ niċeċ tad-Duluri.

L-ewwel waħda nsibuha fuq id-daħla ta' Sqaq il-Forn fi Triq Irjali. Għalkemm hi niċċa sempliċi, hi popolari u fuq kollox devota. Kuljum tkun imdawwla bix-xemgħa.

Niċċa sabiħa tad-Duluri niltaqgħu magħha fuq dar nru. 135, Triq Villambrosa. L-Arċisqof Pietro Pace kien ta ndulġenzi għal min jitlob quddiemha. Wieħed josserva li kemm in-niċċa u l-istatwa fihom xogħol sabiħ ta' skultura.

### CASAL PAOLA

F'NIĊĊA sempliċi, fuq ħanut tax-xorb li jinsab fit-triq li twassal għaċ-ċimiterju ta' l-Addolorata, insibu statwa sabiħa tad-Duluri. Għalkemm in-niċċa hi fost l-aktar sempliċi, l-istatwa ħarġet mill-kapaċità artistika ta' Marco Montebello.

### SLIEMA

L-UNIĊI żewġ niċeċ tad-Duluri f'tas-Sliema huma sempliċi ħafna u t-tnejn li huma, huma f'kaxxi ta' l-injam. Imma t-tnejn jinsabu f'qagħda tajba u jgawdu ċerta devozzjoni min-nies ta' l-inħawi.

L-ewwel waħda tinsab fi Sqaq it-Torri u l-oħra tinsab viċin fi Sqaq Bisazza.

### MSIDA

FL-IMSIDA niltaqgħu ma erba' niċeċ tad-Duluri.

L-ewwel waħda nsibuha f'niċċa prominenti fi Triq il-Wied ħdejn l-Għajn tal-Ħasselin. Hi niċċa ta' l-injam u fiha xogħol sabiħ ta' skultura fl-injam. Hi kbira sew u kompluta b'ċelu ta' l-injam ukoll. F'dawn l-aħħar snin din in-niċċa ġiet irranġata u mogħtija dehra sabiħa.

Mhux 'il bogħod bejn djar 123-124 Triq il-Kunċizzjoni niltaqgħu ma' niċċa miżmuma tajjeb u devota man-nies ta' l-inħawi.

Niċċa popolari ħafna, mhux biss man-nies ta' l-Imsida iżda ma' bosta Maltin oħra, tinsab fixxatt tal-Pietà quddiem Sqaq Nru. 3 eżatt fejn quddiemha dari kien hemm it-Torpedo Depot. Interessanti hu l-fatt li l-pittur Ġużeppi Cali' kellu grazzja ma' tfajla li kienet toqgħod f'dan l-isqaq u għamel wegħda li, jekk jiżżewwiġha, hu jpitter kwadru ġdid tad-Duluri u jpoġġieh f'din in-niċċa flok il-qadim li kien hemm Il-pittur Cali' kompla l-wegħda tiegħu, u pitter il-kwadru. Dan il-kwadru dam f'din inniċċa għal numru kbir ta' snin, iżda meta, fis-snin sebgħin, din in-niċċa nbidlitilha l-pożizzjoni tagħha, il-kwadru ta' Cali' ġie meħud fil-parroċċa ta' l-Imsida u minfloku tpoġġiet stampa tad-Duluri. Meta wieħed jitla' l-isqaq imsemmi ta' ħdejn din in-niċċa, bejn djar 20 u 21 jara niċċa żgħira oħra tal-ħadid bix-xbieha tad-Duluri.

### MARSA

FIL-MARSA niltaqgħu ma' żewġ niċeċ tad-Duluri.

L-ewwel waħda nsibuha fuq dar nru. 283 Triq Ħal Qormi. Hi niċċa sempliċi iżda tidher li hi antika għax fl-1870 l-Isqof Gaetano Pace Forno kien ta ndulġenzi għal min jitlob quddiemha. Sa ftit ilu din l-istatwa kienet magħluqa fil-ħġieġ. L-istatwa tad-Duluri narawha wieqfa b'ħarsitha 'l fuq.

Fix-Xatt tal-Marsa, quddiem l-uffiċċji tas-Sea Malta, niltaqgħu ma' niċċa oħra tad-Duluri. Hi niċċa kbira li fiha naraw ix-xbieha tad-Duluri b'Ġesu' mejjet fi ħdanha.

In-nies u l-impjegati ta' madwarha jżommu din in-niċċa f'qagħda tajba matul is-sena kollha, iżda f'dawn il-granet tal-festa tagħha jarmawha b'mod tassew sabiħ.